# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
(President)
ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA
ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 7**

**Rikors numru 73/15/2 AL**

**Katya Vella Bamber**

**v.**

**Pierre Duflou**

**Il-Qorti:**

1. Fis-27 ta' Marzu, 2015 l-attriċi ppreżentat kawża ta' separazzjoni. Għal finijiet ta' dan l-appell huma rilevanti t-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u t-tmien talba tar-rikors ġuramentat:-

> *"2. Tiddikjara u tordna illi r-residenza prinċipali tat-tifel minuri Matthew tkun fil-Gżejjer Maltin, flimkien mal-attriċi.*

*“3.Tawtorizza lill-partijiet ikunu fdati bil-kura u l-kustodja tat-tifel minuri b’mod konġunt, u tiffissa dawk id-dati u ħinijiet relattivi meta l-konvenut ikollu aċċess għall-imsemmi tifel, u dan f’nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet rigward l-aċċess tal-konvenut versu l-minuri illi jista’ jiġi eżerċitat ukoll ġewwa Brussels........*

*“4.Tiffissa retta alimentarja mensili għat-tifel minuri Matthew skont il-Liġi u tenut kont l-introjtu tal-partijiet u tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi dik ir-retta alimentarja hekk stabbilita.*

*“5.Tordna lill-konvenut sabiex iħallas nofs l-ispejjeż kollha konnessi mal-edukazzjoni, saħħa u dawk kurrikulari tal-istess minuri, kif ukoll l-ispejjeż kollha relatati ma’ safra in konnessjoni mad-dritt tiegħu ta’ aċċess versu l-minuri..........*

*“8. Tordna li l-attriċi tkun awtorizzata li żżomm fil-pussess tagħha l-passaport kif ukoll id-dokumenti uffiċjali tal-minuri”.*

2. Permezz ta’ rikors preżentat mill-konvenut fil-11 ta’ April 2017 (fol. 903) talab lill-Qorti sabiex:-

*“1.Tordna l-waqfien ta’ dan il-proċeduri, jew parti minnhom, u tistieden lill-partijiet jippreżentaw talba simili quddiem il-Qrati tal-Brussell, il-Belġju ai termini tal-Artikolu 15 para.1(a) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru. 2201/2003 tas-27 ta’ Novembru 2003; jew*

*“2.Alternattivament direttament titlob lill-Qrati tal-Brussell, il-Belġju sabiex dawn tal-aħħar jassumu l-ġurisdizzjoni u jisimgħu u jiddeċiedu t-talba tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 15 para. 1(b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru. 2201/2003 tas-27 ta’ Novembru 2003 u dan dejjem skont dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi fiċ-ċirkostanzi”.*

3. B’digriet mogħti fit-13 ta’ Frar, 2019 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet:-

*“1. Tordna l-waqfien tal-proċeduri odjerni limitatament dwar it-tieni u t-tielet talbiet attriċi u tistieden lill-partijiet jew lil min minnhom għandu interess sabiex iressqu t-talbiet simili quddiem il-Qrati tal-Belġju;*

*“2.Tissospendi s-smigħ tar-raba’, il-ħames u t-tmien talbiet tal-attriċi u dan sakemm il-meritu tat-tieni u t-tielet talba jiġu deċiżi defenittivament mill-Qrati tal-Belġju;*

*"3.Tordna l-prosegwiment tal-kawża in kwantu jirrigwarda l-ewwel, is-sitt u s-seba' talbiet tal-attriċi".*

4. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu:-

*"Il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva, illi t-talba tar-rikorrent kif imsejsa fuq Artikolu 15 para. 1 tar-Regolarment tal-Kunsill (KE) Nru. 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003, tista' taffetwa biss ir-responsabilita tal-ġenituri u mhux l-aspetti kollha tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. L-Artikolu ċċitat, kemm-il darba jinstab illi huwa applikabbli, huwa formanti parti mit-Tieni Taqsima tat-Tmien Kapitolu tar-Regolament, liema Kapitolu jitratta l-ġurisdizzjoni. L-ewwel Taqsima titratta* ***Id-divorzju, is-separazzjoni legali u l-annullament taż-żwieġ*** *filwaqt illi t-tieni Taqsima titratta* ***Ir-Responsabbilità ta' l-ġenituri****.*

*"Illi għaldaqstant ladarba t-talba hija limitata għar-responsabilita` tal-ġenituri fil-konfront tal-minuri Matthew, l-argumenti mressqa mir-rikorrenti rigwardanti l-liġi applikabbli għas-separazzjoni legali, l-obbligu tal-manteniment u għall-propjeta` immobbli, minkejja li jistgħu jkunu korretti, f'dan l-istadju, qegħdin jiġu skartati minn din il-Qorti, stante illi huma rrelevanti għall-kwistjoni li għandha quddiemha u cioe jekk tittrasferixxix id-deċiżjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri Matthew lill-Qorti Belġjana.*

*"Rigward l-argument tan-nullita` tar-rikors imqajjem mill-intimata, jirriżulta li għalkemm ir-rikors huwa ntestat bħala wieħed li qiegħed isir "Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili", l-istess rikors ġie ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Inoltre r-rikors huwa ntavolat fl-atti tal-kawża li qed tinstema' mill- Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Għalhekk il-kliem "Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili", qiegħed jitqies minn din il-Qorti bħala sempliċi żball dattilografiku u mhux wieħed sostantiv. In ogni caso, kif tgħallimna l-ġurisprudenza, in-nullita` hija odjuża "é un mezzo estremo a cui il legislatore non ricorre che in caso di necessita`". Kull meta huwa possibbli u sakemm il-liġi ma timponix in-nullita`, atti ġudizzjarji għandhom jiġu salvati, sabiex fost ħwejjeġ oħra, jiġu evitati r-ripetizzjonijiet tal-atti u l-moltiplikazzjonijiet tal-istess. Illi għaldaqstant, il-Qorti tiċħad is-sottomissjoni tan-nullita` tar-rikors odjern.*

*"Il-Qorti żżomm ferm id-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Ġunju 2015, li ormai għaddiet in ġudikat u tisħaq li hija għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża odjerna. Il-Qorti tirrileva illi bl-istess sentenza, hija bl-ebda mod m'eskludiet illi l-Qrati Belġjani jista' wkoll ikollhom ġurisdizzjoni (concurrent jurisdiction) fuq il-każ. Tenut kont iżda, li hija l-Qorti li ġiet "first seised" u li effettivament għandha l-ġurisdizzjoni ai termini tal-liġi nazzjonali u wkoll dik Ewropeja li tisma' l-każ, għandha tissokta fis-smigħ tal-każ skond ma ġie diġa deċiż.*

*"Ir-rikorrent jitlob illi l-Qorti titrasferixxi s-smigħ tal-każ lill-qrati Belġjani. Kif diġa, intqal, se mai il-Qorti kellha tilqa' din it-talba, dana tista' tagħmlu biss, skont it-termini tal-istess Artikolu, fir-rigward tal-kura u l-kustodja tal-minuri Matthew. Il-Qorti taqbel mar-rikorrent illi hemm diversi connecting factors li jqarrbu lill-minuri lejn il-Qrati Belġjani. Ma taqbilx mal-intimata illi t-talba tal-konvenut Duflou ma tressqitx bil-mod u/jew fl-istadju opportun. It-trasferiment tas-smigħ skont l-Artikolu 15, isir jew b'mozzjoni tal-Qorti stess li jkollha l-ġurisdizzjoni li tisma' l-kawża b'mod ġenerali; jew bl-applikazzjoni ta' xi parti. Għaldaqstant it-talba tat-trasferiment, oltre li ma tinħtieġx li tiġi sollevata per via di eċċezzjoni, iżda jkun suffiċjenti rikors, teħtieġ illi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Istat Membru tkun ġiet determinata definittivament. "il-qrati ta' xi Stat Membru li <u>għandhom il-ġurisdizzjoni</u> dwar is-sostanza ta' l-kwistjoni jistgħu ..."*

*"Hija fehma tal-Qorti li fil-mument li parti tinvoka l-Artikolu 15 tar-Regolament, l-istess parti tkun issokkombiet jew volontarjament jew b'effett ta' ordni ġudizzjarja, għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Istat Membru quddiem liema Qorti titressaq l-applikazzjoni ai termini tal-Artikolu 15. Fil-każ odjern, il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin kienet kwistjoni sub giudice sas-27 ta' Jannar 2017. Qabel din id-data, ir-rikorrent ċertament li ma setax iressaq it-talba tiegħu għat-trasferiment tas-smigħ tal-parti tal-kawża li titratta l-kura u l-kustodja tal-minuri Matthew. It-talba fiha nnifisha qiegħda tinkorpora l-aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, ġurisdizzjoni li l-konvenut kien qiegħed jopponi. Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, il-konvenut filwaqt li aċċetta li l-Qrati Maltin għandhom il-ġurisdizzjoni li jisimgħu is-separazzjoni personali, qiegħed jissuġġerixxi lill-Qorti li dwar il-kwistjoni ta' kura u kustodja jista' jkun hemm Qorti oħra iktar addetta biex tiddeċiedi limitatament dik il-kwistjoni.*

*"Il-Qorti f'dan l-istadju tirreferi għall-Artikolu 12 tar-Regolament Brussell IIbis illi jistipula:*

*Artikolu 12*
***Il-Proroga ta' l-ġurisdizzjoni***

*1. "Il-qrati ta' xi Stat Membru li jeżerċitaw l-ġurisdizzjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu 3 dwar l-applikazzjoni għad-divorzju, għas-separazzjoni legali jew għall-annullament taż-żwieg għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni dwar kwalsijasi kwistjoni dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri li għandha x'taqsam ma' dik l-applikazzjoni fejn:*

*"(a) mill-inqas wieħed mill-konjuġi għandu jew għandha r-responsabbilità bħala ġenituri fir-rigward tal-minuri*
*u*
*"(b) il-ġurisdizzjoni ta' l-qrati ġiet aċċettata espressament jew xort'oħra f'mod inekwivokabbli mill-konjuġi u bejn dawk il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità, fil-ħin li l-qorti tieħu pussess ta' dan, u tkun fl-aqwa nteressi ta' l-minuri.*

*"Illi dan l-Artikolu jikkonferma illi bħala regola ġenerali il-kwistjonijiet dwar is-setgħat tal-ġenituri, jiġu deċiżi mill-istess Qorti li tiddeċiedi s-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Huwa biss b'mod eċċezzjonali, kif sewwasew saħqet l-intimata, illi l-Qorti li tkun qed tisma' is-separazzjoni personali tal-ġenituri, titrasferxxi parti mis-smigħ tal-kawża lil Qorti oħra.*

*"Hija fehma tal-Qorti, li fil-każ odjern jeżistu ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali meħtieġa ai termini tal-Artikolu 15 tar-Regolament Brussels IIbis, sabiex il-Qorti twaqqaf is-smigħ ta' din il-kawża limitatament f'dak illi jirrigwarda il-kura u l-kustodja tal-minuri Matthew, u tgħaddi l-ġurisdizzjoni* ***dwar dan l-aspett biss*** *lill-Qorti Belġjana. Din il-Qorti, fil-kwistjoni ta' kura u kustodja dejjem u f'kull każ tinsisti li żżomm l-interessi tal-minuri bħala prijorita`. Fil-każ odjern, għalkemm il-minuri mertu ta' din l-azzjoni huwa ċittadin Malta, hemm diversi connecting factors illi jqarrbuh iktar lejn il-Qorti Belġjana, milli lejha, bħall-fatt illi huwa jirrisjedi regolarment fil-Belġju, kif jagħmlu wkoll, preżentement, iż-żewġ ġenituri tiegħu".*

5. B'rikors preżentat fid-19 ta' Frar, 2019 l-attriċi appellat mid-digriet tal-ewwel Qorti bl-aggravji jkunu li d-deċiżjoni:

i. Ma fihiex motivazzjoni;

ii. Fiha difett fil-forma;

iii. Fiha apprezzament żbaljat fil-fatt u fil-liġi;

6. L-attriċi talbet:-

*"Għaldaqstant u għall-motivi fuq premessi l-esponenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell, jogħġobha tirriforma d-deċiżjoni appellata billi filwaqt li tikkonferma t-tielet kap tal-parti dispożittiva, u ċioe, fejn ordnat il-prosegwiment tal-kawża in kwantu jirrigwarda l-ewwel, is-stt u seba' talbiet tal-attriċi; tħassar u tirrevoka l-parti tad-deċiżjoni tagħha tat-13 ta' Frar 2019, fejn ordnat il-waqfien tal-proċeduri limitatament dwar it-tienu t-tielet talbiet attriċi u stiednet lill-partijiet, jew*

> *lil min minnhom għandu interess, sabiex iressqu talbiet simili quddiem il-Qrati tal-Belġju; u ssospendiet is-smigħ tar-raba', ħames u t-tmien talbiet attriċi appellanti u dana sakemm iil-meritu tat-tieni u t-tielet talba jiġu deċiżi defenittivament mill-Qrati tal-Belġju; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat".*

7. Fil-25 ta' Marzu, 2019 il-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

***L-ewwel aggravju***.

8. L-attriċi argumentat li fil-motivazzjoni li waslitha biex tiddeċiedi b'dak il-mod.

9. Il-Qorti ma taqbilx. L-ewwel Qorti għamlitha ċara li f'dan il-każ kien hemm *connecting factors* li jqarrbu lill-minuri lejn il-Qrati Belġjani. F'dan ir-rigward għamlet riferenza għal fatt li l-minuri u l-partijiet jgħixu fil-Belġju. L-attriċi għandha dritt tikkritika r-raġunament tal-ewwel Qorti pero` żgur li ma tistax tgħid li d-deċiżjoni m'hijiex motivata.

10. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

***It-tieni aggravju.***

11. F'dan l-aggravju l-attriċi għamlet riferenza għall-Artikolu 15(4) tar-Regolament tal-UE 2201/2003 tas-27 ta' Novembru, 2003 li jipprovdi:

> *"The court of the Member State having jurisdiction as to the substance of the matter **shall set a time limit** by which the courts of that other member state shall be seised in accordance with paragraph 1.*
>
> *"If the courts are not seised by that time, the court which has been seised shall continue to exercise jurisdiction in accordance with Articles 8 to 14"*.

12. L-attriċi ssostni li mill-provvediment kien jirriżulta li l-ewwel Qorti m'osservatx il-kundizzjoni li tissemma f'Artikolu 15 tar-Regolament.

13. Hu fatt li fid-digriet l-ewwel Qorti ma ffissat l-ebda żmien. B'daqshekk ma jfissirx li d-digriet hu invalidu. M'hemm xejn li f'dan l-istadju jimpedixxi lill-ewwel Qorti milli tiffissa dak it-terminu, *ex officio* jew fuq talba ta' parti fil-kawża. F'kull każ irriżulta li diġa` hemm kawża ta' divorzju fil-Belġju li fir-rigward tal-obbligi relatati mal-minuri, ġew sospiżi.

14. Għalhekk tiċħad it-tieni aggravju.

***<u>It-tielet aggravju.</u>***

15. L-attriċi argumentat:

> *"Huwa essenzjali illi minkejja li jistgħu jeżistu connecting factor/s, validi biżżejjed biex jeskludu u/jew jissuperaw connecting factors oħra li jista' jkollu l-minuri ma' Stat ieħor, il-waqfien tal-proċeduri ġewwa Malta u t-trasferiment tagħhom ġewwa l-Belġju jrid ikun fl-aħjar interess tal-minuri. Iż-żewġ kriterji għandhom jissussitu t-tnejn. Dan huwa impost mil-liġi ċitata"*.

16. It-talbiet numru 2, 3, 4, 5 u 8 kollha jolqtu l-interessi tal-minuri.

17. Il-Qorti tinnota li jirriżulta li:-

i. F'Settembru, 2014 it-tifel kien beda skola f'St Michael School (fol. 246). Kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-attriċi tkun bit-tifel Malta għall-perjodu minn Settembru 2014 sa' Ġunju, 2015. Wara dik id-data kellha tirritorna lura fil-Belġju flimkien mat-tifel sakemm il-partijiet ma jestendux il-ftehim oriġinali.

ii. Fit-12 ta' Frar, 2015 l-attriċi bdiet il-proċeduri ta' medjazzjoni li bihom talbet lill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja sabiex tawtorizza tibda kawża ta' separazzjoni kontra żewġha Duflou.

iii. Fis-27 ta' Marzu, 2015 l-attriċi ppreżentat il-kawża għall-firda minn ma' żewġha. L-attriċi ddeċidiet li kellha tibqa' tgħix f'Malta flimkien mat-tifel.

iv. F'April, 2015 il-konvenut ippreżenta kawża għad-divorzju. Proċeduri li saru fil-Belġju u jinkludu talba sabiex jittieħdu provvedimenti dwar il-minuri.

v. Imbagħad b'sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2015 l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut li m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddeċiedi l-kawża. Sussegwentement, b'sentenza tas-27 ta' Jannar 2017 din il-Qorti ddikjarat null l-appell li ppreżenta l-konvenut mis-sentenza tal-ewwel Qorti.

vi. B'sentenza tat-30 ta' Settembru 2016 fil-kawża **Direttur tad-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali v. Katya Vella Bamber** (350/15), din il-Qorti ċaħdet appell tal-attriċi u ordnat li minnufih il-minuri għandu jintbagħat lura l-Belġju. Proċeduri li saru skont l-Att dwar is-Sewkestru u l-Kustodja ta' Minuri (Kap. 410). F'dik is-sentenza l-Qorti qalet:

> *"Din il-Qorti tirrileva li mill-esposizzjoni tal-fatti mressqa quddiemha jirrizulta li tassew l-appellanti iddecidiet li tibqa' Malta fid-19 ta' Marzu, 2015, u mhux qabel. Minn imkien mill-provi ma jirrizulta li fil-fatt hija kienet qeghda tqarraq bir-ragel meta wriet ix-xewqa li tigi Malta ghall-perjodu ta' riflessjoni meta l-partijiet waslu ghall-ftehim kif redatt fil-Convention d'Honneur. Madankollu, din il-Qorti, kif intqal qabel, hija konvinta wkoll, li mill-provi esposti, jirrizulta li mill-ftehim bejn il-partijiet hekk kif rifless fil-Convention d'Honneur u mid-dokumenti l-ohra esebiti mill-partijiet fil process, jirrizulta daqstant car, li l-kunsens tal-missier li l-minuri jibqa' Malta, kien validu sat-30 ta' Gunju, 2015. Wara din id-data, u fin- nuqqas ta' ftehim bejn il-genituri, kien jispetta liz-zewg genituri li jissottomettu l-kwistjoni dwar il-futur ta' binhom quddiem qorti Belgjana. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm kuntrarjament ghal dak riskontrat mill-ewwel Qorti, ma jirrizultax il-qerq da parti tal-omm, izda certament tirrizulta r-ritenzjoni illegali tal-minuri, wara d-data li fiha skada l-kunsens tal-missier".*

vii. Fl-aħħar ta' Ottubru, 2016 l-attriċi u l-minuri irritornaw lura jirrisjedu fil-Belġju, fejn għadhom jgħixu. Il-konvenut ukoll jirrisjedi l-Belġju. It-tifel iqatta' żmien bejn ommu u missieru.

viii. Ir-residenza tal-minuri kienet f'Malta biss mis-sajf 2014 sakemm f'Novembru tas-sena 2016 kien ritornat lura lejn il-Belġju wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Settembru, 2016.

ix. Fil-11 ta' April, 2017 il-konvenut ippreżenta r-rikors *ai termini* tal-Artikolu 15 tal-imsemmi Regolament tal-UE.

18. Fit-23 ta' Diċembru, 2017 ingħatat deċiżjoni fil-kawża ta' divorzju li biha l-Qorti tal-Familja fi Brussell iddikjarat dwar id-divorzju b'applikazzjoni tal-Artikolu 19(3) tal-istess Regolament iddikjarat li bħala l-Qorti *"second seised"* m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' l-kawża u tiddeċiedi t-talba ta' divorzju, u li l-Qorti Maltija għandha ġurisdizzjoni dwar l-istess. Min-naħa l-oħra *ex officio* issospendiet il-proċeduri fir-rigward tat-talbiet dwar ir-responsabbilta` tal-ġenituri u obbligi ta' manteniment li għamlu l-partijiet dwar binhom, sakemm il-Qorti f'Malta tiddeċiedi jekk għandhiex ġurisdizzjoni (Artikolu 12(1) tal-istess Regolament). B'dik l-ordni hu evidenti li l-istess Qorti tal-Familja fi Brussell m'eskludietx li għandha l-ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċiedi

kwistjonijiet li jolqtu lill-minuri u sempliċement issospendiet il-proċeduri għal dak li jirrigwarda kwistjonijiet relatati mal-minuri.

19. Skont regolament 15 tar-Regolament 2201/2003(1):-

> *"1. By way of exception, the courts of a Member State having jurisdiction as to the substance of the matter may, if they consider that a court of another Member State, with which the child has a* ***particular connection****, would be better placed to hear the case, or a specific part thereof, and* ***where this is in the best interests of the child****:-*
>
> (a) *"Stay the case or the part thereof in question and invite the parties to introduce a request before the court of that other Member State in accordance with paragraph 4; or*
>
> (b) *"Request a court of another Member State to assume jurisdiction in accordance with paragraph 5"*.

*20.* Skont paragrafu 3 tal-istess dispożizzjoni, minuri jitqies li għandu *"a particular connection to a Member State..... if that Member State:*

> *(a) "has become the habitual residence of the child after the court referred to in paragraph 1 was seised; or*
>
> *(b) "is the former habitual residence of the child; or*
>
> *(c) "is the place of the child's nationality; or*
>
> *(d) "is the habitual residence of a holder of parental responsibility; or*
>
> *(e) "is the place where property of the child is located and the case concerns measures for the protection of the child relating to the administration or disposal of this property"*.

21. F'dan il-każ il-minuri u l-ġenituri tiegħu għandhom il-*habitual residence* tagħhom fil-Belġju. Il-minuri twieled fil-21 ta' Ġunju, 2010 u dejjem kien residenti fil-Belġju ħlief għall-perjodu bejn Marzu 2014 u l-

aħħar tas-sena 2016. Fil-kawża fuq imsemmija ġie deċiż li minn Ġunju 2015 il-minuri kien qiegħed jinżamm illegalment f'Malta. Wara li fl-aħħar ta' Ottubru 2016 il-minuri kien ritornat il-Belġju, beda jattendi l-iskola u baqa' jirrisjedi fil-Belġju b'mod kontinwu. Għalhekk għall-Qorti m'għandux ikun hemm dubju li l-Qorti tal-Familja fi Brussell, Belġju qiegħda fl-aħjar pożizzjoni li tiddeċiedi:

i. Fejn għandu jirrisjedi l-minuri (talba 2);

ii. Jekk il-kura u kustodja tat-tifel għandhiex tkun fdata liż-żewġ ġenituri, u biex jiġu ffissati dati u ħinijiet għall-aċċess (talba 3);

22. L-attriċi ma tatx raġunijiet li jistgħu jikkonvinċu lil din il-Qorti li l-interess tal-minuri jeħtieġ li t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikors ġuramentat jiġu deċiżi fil-kawża ta' separazzjoni pendenti f'Malta. Argumenti tat-tip li fil-Belġju l-minuri jgħix ġimgħa mal-omm u ġimgħa mal-missier u li dak l-arranġament qed joħloq nuqqas ta' stabbilta` lill-minuri, huma materji li għandhom isiru u jiġu deċiżi minn Qorti tal-Familja ta' Brussell. Il-familja kollha ilha snin tgħix fi Brussell u ċertament li l-Qorti tal-Familja f'Malta m'hijiex fl-aħjar pożizzjoni li tiddeċiedi x'inhu l-aħjar li jsir fl-interess suprem tal-minuri. Mir-rikors tal-appell stess jirriżulta li l-partijiet għandhom ir-residenzi ftit minuti 'l bogħod minn xulxin, u dan iwassal

sabiex jagħmel il-kuntatt bejn il-ġenituri ferm iktar faċli. Iż-żewġ ġenituri huma involuti fit-trobbija tal-minuri.

23. Ovvjament il-kwistjoni prinċipali dwar il-minuri hi f'liema pajjiż għandu jkompli jitrabba, fil-Belġju jew f'Malta. M'hemmx dubju li l-provi prinċipali qegħdin fil-Belġju. Il-Qorti f'Brussel hi fl-aħjar pożizzjoni sabiex bażat fuq il-provi li għad iridu jinġabru, tiddeċiedi jekk il-minuri għandux ikompli jitrabba fil-Belġju fejn jgħixu l-ġenituri tiegħu jew għandux jittrasferixxi r-residenza tiegħu lejn Malta. L-interess suprem tal-minuri hekk jitlob li jsir, iktar u iktar meta tikkunsidra li jidher li hemm bżonn li jkun hemm involuti professjonisti għal dak li jirrigwarda materji li jolqtu l-interess tat-tifel. Dan apparti li l-minuri jattendi skola fil-Belġju, il-kuntatti soċjali tiegħu qegħdin f'dak il-pajjiż, u ilu s-snin jitrabba fl-ambjent soċjali u kulturali ta' hemmhekk.

24. Billi t-tifel ilu għal dawn is-snin kollha jgħix il-Belġju fejn tajjeb jew ħażin illum hu mdorri għall-arranġament dwar il-ġranet li jqatta' ma' kull wieħed mill-ġenituri, ma jkunx fl-interess tiegħu li l-kwistjoni tiġi determinata mill-Qorti tal-Familja, Maltija. Qorti li lanqas ma jkun possibbli għaliha li taħtar esperti sabiex jassistuha tasal għal deċiżjoni finali li tkun l-aħjar waħda fl-aħjar interess tal-minuri.

25. Dan apparti li m'hemmx diffikulta` biex issir talba stante li diġa` hemm proċeduri pendenti quddiem il-Qorti ta' Familja ta' Brussell dwar il-minuri, li kif rajna ġew sospiżi sakemm il-Qorti tal-Familja f'Malta tiddeċiedi kif ser tipproċedi.

26. Għalhekk tiċħad it-tielet aggravju.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attriċi bl-ispejjeż kontriha.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti li tkun tista' tiffissa t-terminu skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament 2201/2003 (Brussels IIa).

Tfakkar lill-partijiet li skont l-istess digriet tal-ewwel Qorti huma, jew min minnhom għandu interess, li għandu jagħmel it-talba lill-Qorti tal-Familja, Brussell, Belġju. Talba li tista' faċilment issir fil-kawża ta' divorzju fuq imsemmija (ara paragrafu 18 ta' din is-sentenza).

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm